MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 92/2011

**Emanuel Cutajar**

**vs**

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Emanuel Cutajar tal-31 ta’ Jannar 2011 li jghid hekk:

1. Illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali datata 27 ta' Dicembru 2010 li permezz taghha ntalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u erbghin elf u hames mija u tmienja u tletin ewro (€243,538) rapprezentanti hlas Iura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provvizorja ghas-snin ta' stima 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009;

2. Illi din it-talba ghandha tigi respinta minn din l-Onor. Qorti bhala ghal kollox illegali w infondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Primarjament u b'mod preliminari l-mittenti jikkontendi illi l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-procedura hija nulla u bla effett stante li hija nieqsa minn elementi essenzjali skond il-ligi sabiex jigu presentati atti fil-Qorti u senjatament:

i. Ma hemmx indikat in-numru tal-karta ta' identita tar-rikorrenti;
ii. L-ittra ufficjali hija nieqsa mir-riferenza specifika ghall-ligi jew ghal artikolu ta' ligi li fuqha qed tigi bbazata t-talba;

4. Subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba maghmula ghas-snin 2002 u 2003 hija preskritta;

5. Ulterjorment u bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub huwa ezagerat;

6. Ghalhekk ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onor. Qorti joghgobha tiddikjara bhala nulla u bla effett it-talba maghmula fl-ittra datata 27 ta' Dicembru 2010 ghar-ragunijiet fuq esposti;

7. B'rizerva ta' kull dritt iehor spettanti lill-mittenti;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa null u inattendibbli billi ma huwa bazat fuq ebda dispozizzjoni tal-ligi;

2. Illi minghajr pregudizzju u dejjem in linea preliminari, it-titolu ezekuttiv ivvantat mill-esponent fl-Ittra Ufficjali bin-numru 5270/2010 fl-ismijiet inversi gie ottjenut qabel u indipendentement mill-hrug tal-imsemmija Ittra Ufficjali. Isegwi allura li l-kontestazzjoni tal-quantum ta' taxxa dovuta mir-rikorrent ma tistax issir f'azzjoni li tattakka l-

Ittra Ufficjali kif qieghed zbaljatament jippretendi r-rikorrent;

3. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum ta' taxxa dovuta mir-rikorrenti liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito u skond il-procedura stipulata bl-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

a. Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni hawn annessa u mmarkata 'Dok KTI1' tindika kemm in-numru tal-karta tal-identita tar-rikorrent kif ukoll l-artikolu tal-ligi li ai termini tieghu inharget l-ittra ufficjali. F'kull kaz u dejjem minghajr pregudizzju. l-ebda nuqqas f'dan is-sens ma jgib l-allegata nullita kif pretiz mir-rikorrent fit-tielet paragrafu tar-rikors tieghu;

b. Illi kuntrarju ghal dak li qed jallega r-rikorrent, l-azzjoni ghal-gbir ta’ taxxa dovuta mhijiex preskritta u dan kif se jigi ampjament ippruvat, jekk ikun il-kaz, waqt it-trattazzjoni tol-kawza:

c. Illi l-likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa u taxxa addizzjonali fuq id-dhul ai termini tal-Kap. 372 tal-Ligiiiet ta’ Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat u semghet it-trattazzjoni;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment fuq it-talbiet u l-eccezzjonijiet preliminari ghall-5 ta’ Marzu 2012;

**Ikkunsidrat**

**Talba preliminari**

Ir-rikorrenti qed jikkontendi preliminarjament illi t-talba maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bl-ittra ufficjali tas-27 ta’ Dicembru 2010 ghal hlas ta’ taxxa riferibbilment ghas-snin 2002 sa 2009 hi nulla u bla effett u dan ghar-raguni illi din l-ittra ufficjali hi nieqsa mill-elementi essenzjali li jirrenduha valida ai finijiet tal-ligi. Hu qed jikkontendi illi fl-imsemmija ittra ma hemmx indikat in-numru tal-karta tal-identita ta’ Emanuel Cutajar u li hi nieqsa minn referenza specifika ghal ligi jew artikolu ta’ ligi li fuqha hi bbazata t-talba.

Il-Qorti ssib li minghajr ma tidhol fil-konsiderazzjoni legali dwar dak li jikkostitwixxi nullita kif allegat mir-rikorrenti, fil-fatt ir-rikorrenti ma ghandux raguni fuq ebda lment. L-ittra ufficjali li kopja taghha hi esebita Dok. KTI1 mill-intimat a fol. 9 tal-process turi illi fejn l-indirizz tar-rikorrenti hemm in-numru ta’ karta ta’ identita tieghu. Inoltre l-istess intimat jirreferi ghall-artikolu specifiku tal-ligi cioe artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa li in forza taghha saret l-ittra ufficjali. Ir-rikorrenti jaccetta li hu gie notifikat bl-ittra ufficjali msemmija u ma pprezenta ebda prova li topoggi fid-dubbju l-awtenticita tal-kopja tal-ittra ufficjali esebita mill-intimat.

Ghalhekk il-Qorti qed tichad dan l-ilment tar-rikorrenti billi mhix fondata fil-fatt.

**Eccezzjonijiet ta' irritwalita u nullita tal-azzjoni**

Kif inghad l-ittra ufficjali maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni saret a bazi tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 322 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qari ta' dan l-artikolu li jinsab fit-Taqsima VII tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa juri illi l-ittra ufficjali msemmija fl-artikolu 40(1)(d) mhix intiza biex tikkreja titolu izda hi intiza ghall-ezekuzzjoni ta' titolu gia ottenut. L-ittra ufficjali fil-fatt ghandha l-iskop li tirrendi titolu ezekuttiv ezegwibbli wara jumejn minn notifika tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 44 tal-Kap. 372.

Ir-rikorrenti mhux jattakka t-titolu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-mod kif inhi impostata l-azzjoni. Hu minnu illi f'zewg aggravji msemmija minnu hu jallega l-preskrizzjoni tat-taxxa ghas-snin 2002 u 2003 filwaqt illi hu irtira l-hames aggravju tieghu dwar l-eccessivita tal-ammont mitlub fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2011.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni qed jirrispondi fl-ewwel lok in-nullita tal-azzjoni ghax mhux ibbazata fuq artikolu jew dispozizzjoni ta' ligi li taghti dritt lir-rikorrenti jimposta l-azzjoni tieghu kif saret, u fil-mertu l-assessments tal-2002 u 2003 saru permezz ta' self assessment da parti tal-rikorrenti li ma gewx mittiefsa mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Skond ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni tal-5 ta' Ottubru 2009 mibghuta lil u ricevuta mir-rikorrent liema riferta giet esebita a fol. 18 tal-process fis-17 ta' Ottubru 2009 jirrizulta li r-rikorrenti gie notifikat fi zmien validu skond il-ligi cioe qabel ma ddekorra z-zmien preskrittiv ghat-talba ghal hlas.

Madankollu din il-Qorti tqis li l-kwistjoni tmur oltre l-preskrizzjoni ghal talba ghal hlas dwar stima maghmula billi tali lment seta' u messu gie imqajjem mir-rikorrenti fiz-zmien stipulat mill-ligi u ghalhekk tali stima la darba ma gietx attakkata entro t-terminu u skond il-modalita tal-ligi saret finali u konklussiva skond l-artikolu 38 tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant titolu ezekuttiv taht l-artikolu 40(1)(c) tal-Kap. 372.

Kif gia gie kostantement stabbilit mill-Qrati, il-kontestazzjoni tal-quantum ta’ taxxa ma tistax issir f’azzjoni li tattakka l-ittra ufficjali li tirrendi d-dritt kwezit, ezegwibbli. Ara l-ahhar sentenza ricenti **Joseph Mary Farrell vs Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud** deciz mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta’ Gunju 2011.

Dan il-kaz hu identiku fl-aspett legali tieghu. L-ittra ufficjali tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni saret a bazi tal-Kap. 372 artikolu 40. Ir-rikorrenti naqas li jikkontesta l-istimi li saru titolu ezekuttiv a bazi tal-artikolu 38 tal-Kapitolu 372. F’dan l-istadju l-ilmenti fil-mertu da parti tar-rikorrenti huma kollha superflui w irrelevanti fil-limiti tal-kontestazzjoni tar-rikorrenti. Ghalhekk il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjoni tal-irritwalita u nullita tal-azzjoni tar-rikorrenti in kwantu bazata fuq kontestazzjoni tat-titolu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tichad it-tielet talba tar-rikorrenti kwantu ma hemm ebda nullita fl-ittra ufficjali tas-27 ta’ Dicembru 2010, tilqa’ l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi l-azzjoni tar-rikorrenti in kwantu ghal aggravji l-ohra kollha eskluz il-hames wahda li giet irtirata mir-rikorrent fil-mori tal-proceduri, hi nulla billi mhix ibbazata fuq ligi jew artikolu tal-ligi li a bazi taghha seta’ jippromwovi l-azzjoni tieghu biex jattakka t-titolu kwezit mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni precedentement ghal ittra ufficjali attakkata mir-rikorrent.

L-ispejjez ibatihom ir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------